MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 251/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Dustin Brownrigg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Dustin Brownrigg talli:-

a) F’dawn il-Gzejjer fl-1 ta’ Mejju 2004 u matul l-ahhar granet ta’ qabel din id-data, ikkonsenja medicina ristretta u psikotropika (ecstasy), lil xi persuna ohra li ma kienx spizjar dirigenti, jew ma kienx xort’ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu dik il-medicina;

b) Fl-istess data u matul l-ahhar tliet xhur ta’ qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss;

c) Fis-sitt xhur ta’ qabel l-1 ta’ Mejju 2004 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imsemmi Dustin Brownrigg sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Lulju 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(f), 17(h), 40A, 120A(1)(1), 120A(2)(b)(i), 120A(1B), 120A(2B)(li jaghmel applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101 ghall-Kap. 31) u t-Tielet Skeda tal-Kap. 31, ir-regolament 3(1) ta’ l-Avviz legali 22 ta’ l-1985, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101, sabet lill-imsemmi Dustin Brownrigg hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta’ prigunerija ta’ hmistax-il xahar (15) u ghal multa ta’ hames mitt liri Maltin (Lm500), filwaqt illi ma ghamlet ebda ordni taht l-artikolu 533 tal-Kap. 9 minhabba li ma tqabbdu ebda esperti u ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Dustin Brownrigg pprezentat fit-13 ta’ Lulju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta’ htija, tvarjaha in kwantu l-piena billi minflok il-piena ta’ hmistax-il xahar prigunerija u multa ta’ hames mitt liri Maltin (Lm500) tissostitwixxi ghall-istess piena, piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena li l-appellant iqis bhala eccessiva meta jitqies illi l-appellant ammetta, ikkollabora mal-Pulizija u zvela l-identita` tal-persuna minghand min kien xtara d-droga in kwistjoni.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. Minn ezami ta’ l-artikoli relevanti tal-ligijiet applikabbli jirrizulta li l-piena nflitta taqa’ fil-parametri tal-ligi. Difatti l-piena ghall-ewwel imputazzjoni hija ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta’ mhux inqas minn mitejn lira izda mhux izjed minn hamest elef lira. Imbaghad trid tizdied minn terz sa nofs il-piena ta’ prigunerija dwar it-tielet imputazzjoni jew nofs il-multa jew it-tnejn f’salt. Jigifieri l-appellant, seta’ gie kkundannat bejn sitta u disa’ snin prigunerija massimu (skond jekk bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 29 tal-Kap. 101 titnaqqasx il-piena bi grad jew tnejn) minbarra l-multa.

Inoltre hawn si trattava ta’ ammissjoni u fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti qieset:

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

(a) il-fedina penali netta ta’ l-appellant – fil-fatt mill-fedina penali aggornata ta’ l-appellant jirrizulta li din baqghet netta;

(b) l-ammissjon bikrija ta’ l-appellant – mill-istqarrija li ghamel lill-Pulizija jirrizulta li l-appellant ammetta mal-Pulizija mhux biss li kien biegh tliet pilloli ecstasy izda sahansitra, fuq mistoqsija jekk juzax xi tip ta’ droga ohra, li gieli jpejjep il-haxixa;

(c) l-ghajnuna li ta lill-Pulizija skond il-verbal ta’ l-24 ta’ Frar 2006 – permezz ta’ dan il-verbal il-prosekuzzjoni ddikjarat illi l-appellant f’kaz ta’ htija ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 peress illi kkoopera mal-Pulizija fil-konfront ta’ terzi. Inoltre l-Ispettur Norbert Ciappara xehed illi b’mod kunfidenzjali l-appellant ta xi indikazzjonijiet lill-Pulizija fejn setghu jinvestigaw u kien hemm minnhom li rrizultaw pozittiv ukoll.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti kkunsidrat dak kollu li setghet tikkunsidra fl-ghoti tal-piena u huma l-istess fatturi li l-appellant jirreferi ghalihom fir-rikors ta’ appell tieghu. Inoltre wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li n-numru ta’ pilloli ecstasy li nqabad bihom l-appellant ma kienx xi wiehed insinifikanti (57) u kienu ghandu bl-intenzjoni specifika biex ibighhom.

Inoltre ta’ spiss gie osservat minn din il-Qorti kemm fil-gurisdizzjoni taghha superjuri kif ukoll dik inferjuri, li fuq appell mill-piena hija bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b’dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti fic-cirkostanzi rizultanti kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b’xi mod *“wrong in principle”* jew *“manifestly excessive”*. F’dan ir-rigward gie kemm-il darba citat b’approvazzjoni dak li jinghad f’**Blackstone’s Criminal Practice 2004**:

**“The phrase ‘wrong in principle or manifestly excessive’ has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal’s general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal**

**will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.'* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [2]

Ghalhekk din il-Qorti ma tarax illi hemm ragunijiet li jiggustifikaw il-varjazzjoni tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti. It-traffikar ta' kull tip ta' droga illegali huwa reat serju u jrid jigi punit bhala tali, naturalment bit-tnaqqis opportun, bhal fil-kaz odjern, bis-sahha ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101.

Ghal dawn il-motivi:

---

[2] Page 1695, para. D23.45

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------